KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sebgħa u Sebgħin (77)***

***L-Erbgħa, 4 ta' Ġunju, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 76 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIER | ANTHONY VELLA |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5:45pm

**77.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

77.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

77.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 76 li nżammet nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024

77.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 76 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

77.2.3 **Mozzjoni 77-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 76
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Il-Minuti Numru 76 ġew approvati unanimament.

**77.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 76(08) – Ġunju 2024***

77.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 77(08) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11330 sa 11365 kif ukoll cheque bin-numri 7236 sa 7242 (11250) li jammontaw €23,173.28

77.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

77.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet tliet pagamenti dovuti lill-Perit fejn preżentat ir-risposta tal-Perit dwar iktar dettalji fuq l-istess invoices. Wara diskussjoni qasira dwar dan, il-Kunsill xorta jħoss li l-ammont ta' siegħat imniżżla fl-invoices mhumiex ġustifikati u huma kkunsidrati bħala eċċessivi. Is-Sindku Darren Abela qal li hu ma jħossux f'pożizzjoni li jagħti opinjoni fuq l-ammont mitlub minħabba li mhux intiż fix-xogħol imsemmi. Għaldaqstant il-Kunsill ikkonkluda li jieħu vot dwar l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti, bir-riżultat ikun: Favur: 0
Kontra: 5 (Is-Sindku DA se jimxi mal-maġġoranza, CD, RA, KF, AV)
Għaldaqstant dawn il-pagamenti se jinżammu pendenti b'mod temporanju sakemm nistennew ir-risposta tal-Perit dwar jekk jistgħux jiġu riveduti.

77.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll żewġ pagamenti lill-Avukat tal-Kunsill dwar assistenza fis-seduta tal-PA ta' 18 ta' Jannar u tal-21 ta' Marzu li jammontaw għal €424.80. Il-Kunsill qabel li jiżdiedu mal-iskeda.

77.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll il-ħlas għall-użu tas-Sala tal-Kappillan f'Jum Ħal Għaxaq li jammonta għal Eur200. Il-Kunsill qabel.

77.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagement tal-Cleansing dwar it-tindif ta' wara żewġ kunċert li saru f'Mejju. Il-ħlas huwa ta' €3766.32. Il-Kunsill approva

77.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ pagamenti għall-ħlas tal-VRT tal-vann, kif ukoll xi manutenzjoni li kellu bżonn li jammontaw għal €41.32 u €70 rispettivament. Il-Kunsill qabel li jitħallsu ma din l-iskeda.

77.3.8 **Mozzjoni 77-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 77(08) kif ukoll l-pagamenti msemmija f'materji 77.3.4, 77.3.5, 77.3.6 u 77.3.7 li jammontaw għal €23,173.28

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 77(08) ġiet approvata unanimament.

**77.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena**

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Accountant tal-Kunsill b'mod virtwali.*

77.4.1 L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tar-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-sena Jannar- Marzu 2024 u l-figuri dokumentati.

77.4.2 Wara l-ispjegazzjoni mgħotija, tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-sena 2024

**Mozzjoni 77-03**: Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-sena Jannar -Marzu 2024 ġie approvat unanimament.

**77.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tat-Tweġiba tal-Management Letter**

77.5.1 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill it-Tweġiba tal-Management Letter wara li sar l-awditjar tas-sena 2023.

77.5.2 Il-Kunsill approva l-ittra tat-tweġiba tal-Management Letter 2023.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Kunsillier Anthony Vella, il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti. Ftit wara tkompliet.*

**77.6 Korrispondenza**

77.6.1 Tressqet korrispondenza dwar Attivita' bl-isem Melodija li se tinżamm nhar is-Sibt 6 ta' Lulju 2024. Kull min hu interessat li jattendi jinforma s-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi mgħoddi l-ħlas ta' €25 għal kull persuna.

77.6.2 Tressqet korrispondenza rigward il-kwotazzjoni tal-cameras fi Triq it-Tumbarellu u Dawret Ħal Għaxaq fejn l-ispiża li konna indikajna fl-iskema għoliet. Rigward il-cameras li konna indikajna għal Trejqet Santu Kristu u Triq il-Gardell għalissa jinżammu pendenti biex naraw jekk għadx hemm il-ħtieġa. Minflok jistgħu isiru tnejn fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Perit tal-Proġett li ser isir fi Triq iż-Żejtun.*

77.6.3 Mal-Perit il-Kunsill tkellem dwar id-disinn tal-proġett u kif ukoll dwar l-aċċess għal garaxxijiet li ser jinbnew. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill informa li ma jsibx oġġezzjoni li ikun hemm l-aċċess għal *basement garages* skond kif titlob il-liġi.

*Il-Perit tal-proġett ħareġ mill-kamra.*

77.6.4 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Skema Numru 03/2024 dwar Lokalitajiet aktar nodfa. Il-Kunsill qabel li bħala proposta titnaddaf iż-żona taż-Żebbuġ fi Triq l-Andar.

77.6.5 Il-Kunsill irċieva petizzjoni b'firem mingħajr ismijiet minn residenti fejn qed jilmentaw dwar l-inkonvenjent li qed jinħoloq minħabba l-kunċerti li jsiru fil-ground tal-Kappillan. Għalkemm il-Kunsill ma jistax iwieġeb din l-ittra minħabba li m'hemmx indikat min bagħtha, il-Kunsill qabel li dwar dan ma jistax jintervjeni minħabba li l-attivitajiet mhux organizzati mill-Kunsill Lokali u l-permessi għalihom jinħarġu mill-pulizija skond kif tippermetti l-liġi.

77.6.6 Tressqet korrispondenza mingħand il-Ministeru tas-Saħħa u l-Anzjanita' Attiva' rigward bżonn għal tindif fil-fetħa li hemm fi Triq Tal-Qattus. Il-Kunsill qabel li jwieġeb li ż-żona hija privata imma se jkun qiegeħd innaddaf ftit kif jista' biex innaqqsu l-inkonvenjenza.

77.6.7 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm xi apparat jew makkinarju fit-triq, għaldaqstant għandna naraw ta min hu u nibgħatulu sabiex ineħħihom mit-triq.

77.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza rigward l-iSkema: Lokalitajiet aktar nodfa. Il-Kunsill qabel li japplika biex inaddaf iż-żona taż-Żebbuġ fi Triq l-Andar. Dettalji rigward il-logistika ta' din l-attivita' għandna titħalla f'idejn ir-Rappreżentanti tal-Leġislatura li jmiss.

**77.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

77.7.1 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-knis ġie mqabbad biex jiġbor l-iskart tal-Pjazza fil-ġimgħa tal-festa u ta' Triq il-Belt Valletta għaldaqstant dawn se jkunu qed jitħallsu bħala extra works.

77.7.2 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn titwaħħal mera fi Triq Carmelo Rosario Dimech u se jibgħat pjanta ta' fejn hemm it-talba għal din il-mera. Il-Kunsill approva.

77.7.3 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li saru l-Attivitajiet tal-Bust tat-Tabib Mario Rizzo Naudi kif ukoll preżentazzjoni tal-Abbozz tal-Monument tal-Familja.

77.7.4 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li fil-15 ta' Ġunju se tittella' attivita' in-Nursery u bħala Kunsill ġejna mistiednin.

77.7.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir road hump quddiem 150, Triq Santa Marija. Il-Kunsill ma qabilx li ssir minħabba li tista' tkun ta' nkonvenjent għar-residenti l-oħra.

77.7.6 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn isir żbir ta' siġar ġol-ġnien fejn hemm żewġ siġar taż-żebbuġ u Triq il-Qattus, hemm siġra taż-żebbuġ fejn il-pitch tal-boċċi u siġar fi Triq il-Ħannieqa.

77.7.7 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm xi skart mormi fi Triq Patri Grigor Grima u ppropona li jitneħħa ukoll bil-gaffa. Il-Kunsill qabel.

77.7.8 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jintbagħat l-MOU tal-Project Green fil-ġranet li ġejjin u se jkun qed jintbagħat lil kulħadd b'email biex wara jiġi iffirmat.

77.7.9 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir attivita' żgħira għall-istaff tal-Kunsill f'għeluq din il-leġislatura bħala ringrazzjament tax-xogħol li sar u stieden lill-Kunsilliera biex min jixtieq jattendi ukoll. Dwar dan il-Kunsill qabel.

**77.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

77.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm żewġ madumiet fil-Housing Estate lejn Blokk C li nqalgħu biex jiġu rranġati. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tibgħat lill-ħaddiema.

77.8.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm mera mkissra lejn il-Knisja ta' Santu Kristu biex titranġa.

77.8.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli ressqet talba għal U-bar fi Triq Santa Tereza. Se tkun qed tibgħat l-isem tad-dar biex naraw jekk il-bankina hiex wiesa' bizzejjed biex titwaħħal.

77.8.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli fakkret biex jitnaddaf l-isprall li hemm fi Triq il-Ħatem. Se jkun qed isir mill-ħaddiema fil-jiem li ġejjin.

77.8.5 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm bżonn jitranġa t-timer tal-ġnien għax qed jixgħel kmieni.

77.8.6 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar it-turf tal-ground tal-Bypass. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha laqgħa mal-kuntrattur u se jkun qiegħed jiġi ordnat il-materjal fil-jiem li ġej.

77.8.7 Il-Kunsillier Keith Fenech fakkar fil-mera fi Triq Ħas-Saptan kif ukoll fil-bozoz li għadhom mhux jixgħelu.

77.8.8 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li fil-fetħa ta' San Ġorġ isiru bollards biex il-vetturi ma jgħaddux dritt imma joħorġu lejn ir-roundabout. Is-Sindku Darren Abela qal li hu ma jaqbilx li jsiru bollards iżda minflok issir bankina. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-aħjar soluzzjoni biex issolvi l-problema huma l-bollards. Il-Kumplament tal-Kunsilliera qablu.

77.8.9 Il-Kunsillier Anthony Vella staqsa meta se ssir ir-rampa ta' fejn is-St.Philips Pharmacy. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex issir irid ikun hemm l-awtorizzazzjoni ta' Transport Malta.

77.8.10 Il-Kunsillier Anthony Vella semma li hemm xi għalqa lejn il-ħanut tal-Maypole biex isir *enforcement* biex jittella ċint.

77.8.11 Il-Kunsillier Anthony Vella qal li hemm bżonn jitranġa l-ħajt ta' wara l-pilastri li hemm f'Dawret Ħal Għaxaq lejn it-Turretta. Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li se jitranġa mal-Permess tal-PA tal-pilastri.

**77.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

77.9.1 Annessi mal-Minuti

**77.10 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

77.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju fis-7.00pm għall-approvazzjoni tal-Minuti.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

________________________ ________________________

Fiona Cutajar ikkonfermati

Segretarju Eżekuttiv

Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 77**

**Mozzjoni Ref:** 77-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 76

**Rose Agius**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

**Data:** 5 ta' Ġunju 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 77**

**Mozzjoni Ref:** 77-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 77

**Rose Agius**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

---

**Data:** 5 ta' Ġunju 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 77**

**Mozzjoni Ref:** 77-03

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena Jan-Mar 2024

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 5 ta' Ġunju 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**